# Il-Ħadd 28.12.2014

1. Illum 28/12, **Festa tas-Sagra Familja**:
   - Il-quddiesa tal-10:00am ser tkun bis-sehem tal-Grupp tal-Koppji Miżżewġa. Nistiednu b'mod partikulari lill-Familji ta' eta' żgħira biex jattendu din il-quddiesa
   - Bejn l-10:00am u l-12:00pm, l-Amministratur Appostoliku, l-Isqof Charles J. Scicluna, ser ikun il-Kurja tal-Arċisqof, il-Floriana, biex jilqa' lil kull min jixtieq imur jagħtih l-awguri għal dawn il-festi.

2. L-Erbgħa 31/12:
   - Mill-5:00pm 'il quddiem jkollna l-Qrar.
   - Fis-6:30pm niċċelebraw l-aħħar tas-sena billi jkollna quddiesa animata mill-Kor 'Sine Macula' li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*.
     Il-Ġabra li nagħmlu f'din il-qudddiesa tmur għad-Dar tal-Provvidenza u ser nippreżentawha fl-ewwel tas-sena waqt l-Open Day. Nitolbukom tkunu ġenerużi.

3. Il-Ħamis 1/01/15, **Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**:
   - Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal dawk ta' nhar ta' Ħadd.

4. Il-Ħadd 4/01/15, **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**:
   - Fis-7:00pm, fil-Museum tas-Subien, ser isir Mument ta' Talb u Ħin għall-Helpers tal-Parroċċa biex nuru l-Apprezzament lil xulxin tal-Ħidma li ssir b'risq il-Parroċċa.

5. Avviżi oħra:
   - Infakkar li matul dawn il-jiem qed jitqassmu xi Kartolini tal-Milied u jinġabru l-envelopes bl-Istrina tagħkom b'risq il-parroċċa li din is-sena ser tmur għall-manutensjoni tal-knisja u r-restawr ta' San Pawl. Dawn qed jinġabru minn dawk li jqassmu l-'Flimkien' jew inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti. Nirringrazzjakom mill-qalb.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 260 mil-lotteriji tal-Milied, b'risq ir-restawr tal-istatwa ta' San Pawl;
   - € 45 bħala donazzjonijiet bl-istess għan. Grazzi.